

Brussell, 12 ta' Marzu 2019  
(OR. en)

6738/19

---

**Fajl Interistituzzjonali:**  
**2018/0430 (NLE)**

---

**TRANS 129**  
**EU-GNSS 7**  
**MAR 44**  
**AVIATION 28**  
**ESPACE 13**  
**RELEX 174**  
**CSC 75**  
**COREE 3**

**ATTI LEĠISLATTIVI U STRUMENTI OĦRA**

---

Suġġett: DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, tal-Protokoll għall-Ftehim ta' Kooperazzjoni dwar Sistema Ċivili Globali ta' Navigazzjoni bis-Satellita (GNSS) bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa, u r-Repubblika tal-Korea, min-naħa l-oħra, sabiex titqies l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Bulgarija, tar-Repubblika tal-Kroazja u tar-Rumanija mal-Unjoni Ewropea

---

**DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2019/...**

**ta'...**

**dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha,  
tal-Protokoll għall-Ftehim ta' Kooperazzjoni  
dwar Sistema Ċivili Globali ta' Navigazzjoni bis-Satellita (GNSS) bejn  
il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa,  
u r-Repubblika tal-Korea, min-naħa l-oħra,  
sabiex titqies l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Bulgarija,  
tar-Repubblika tal-Kroazja u tar-Rumanija mal-Unjoni Ewropea**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikulari l-Artikolu 172, flimkien mal-Artikolu 218(5) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-Atti tal-Adeżjoni tar-Repubblika tal-Bulgarija u tar-Rumanija<sup>1</sup> u tar-Repubblika tal-Kroazja<sup>2</sup>, u b'mod partikulari l-Artikolu 6(2) tagħhom,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

---

<sup>1</sup> Att dwar il-kondizzjonijiet tal-adeżjoni tar-Repubblika tal-Bulgarija u tar-Rumanija u l-aġġustamenti lit-Trattati li fuqhom hija stabbilita l-Unjoni Ewropea (ĠU L 157, 21.6.2005, p. 203).

<sup>2</sup> Att dwar il-kondizzjonijiet tal-adeżjoni tar-Repubblika tal-Kroazja u l-aġġustamenti għat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u t-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika (ĠU L 112, 24.4.2012, p. 21).

Billi:

- (1) Il-Ftehim ta' Kooperazzjoni dwar Sistema Ċivili Globali ta' Navigazzjoni bis-Satellita (GNSS) bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa, u r-Repubblika tal-Korea, min-naħa l-oħra<sup>1</sup> (il-“Ftehim”) ġie ffirmat fid-9 ta' Settembru 2006<sup>2</sup> u daħal fis-seħħ fl-1 ta' Lulju 2016<sup>3</sup>.
- (2) Il-Bulgarija u r-Rumanija saru Stati Membri tal-Unjoni fl-1 ta' Jannar 2007 u l-Kroazja saret Stat Membru tagħha fl-1 ta' Lulju 2013.
- (3) Skont l-Artikolu 6(2) tal-Atti tal-Adeżjoni tal-Bulgarija u r-Rumanija u tal-Kroazja, għandu jintlaħaq qbil dwar l-adeżjoni għall-Ftehim permezz ta' protokoll għal dak il-Ftehim (il-“Protokoll”). Skont l-Artikolu 6(2) ta' dawk l-Atti ta' Adeżjoni, għandha tapplika proċedura ssimplifikata għal tali adeżjoni, li permezz tagħha għandu jiġi konkluż protokoll mill-Kunsill, li jaġixxi b'mod unanimu f'isem l-Istati Membri, u mill-pajjiż terz ikkonċernat.

---

<sup>1</sup> ĠU L 288, 19.10.2006, p. 31.

<sup>2</sup> Deċiżjoni tal-Kunsill 2006/700/KE tal-1 ta' Settembru 2006 dwar l-iffirmar f'isem il-Komunità ta' Ftehim ta' Kooperazzjoni dwar Sistema Ċivili Globali ta' Navigazzjoni bis-Satellita (GNSS) bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa, u r-Repubblika tal-Korea, min-naħa l-oħra (ĠU L 288, 19.10.2006, p. 30).

<sup>3</sup> Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2016/944 tas-6 ta' Ġunju 2016 dwar il-konklużjoni tal-Ftehim ta' Kooperazzjoni dwar Sistema Ċivili Globali ta' Navigazzjoni bis-Satellita (GNSS) bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa, u r-Repubblika tal-Korea, min-naħa l-oħra (ĠU L 157, 15.6.2016, p. 19).

- (4) Fit-23 ta' Ottubru 2006 u fl-14 ta' Settembru 2012 il-Kunsill awtorizza lill-Kummissjoni tiftaħ in-negozjati mal-pajjiż terz ikkonċernat sabiex jiġu konklużi protokollu għall-ftehimiet internazzjonali konklużi mill-Unjoni u l-Istati Membri tagħha.
- (5) In-negozjati mar-Repubblika tal-Korea ntemmu b'suċċess permezz ta' skambju ta' *notes verbales*.
- (6) Jenħtieġ li l-Protokoll jiġi ffirmat,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

### *Artikolu 1*

L-iffirmar, f'isem l-Unjoni u l-Istati Membri tagħha, tal-Protokoll għall-Ftehim ta' Kooperazzjoni dwar Sistema Ċivili Globali ta' Navigazzjoni bis-Satellita (GNSS) bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa, u r-Repubblika tal-Korea, min-naħa l-oħra, sabiex titqies l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Bulgarija, tar-Repubblika tal-Kroazja u tar-Rumanija mal-Unjoni Ewropea huwa b'dan huwa awtorizzatsoġġett għall-konklużjoni tat-tali Protokoll<sup>1+</sup>.

### *Artikolu 2*

Il-President tal-Kunsill huwa b'dan awtorizzat li jiddeżinja l-persuna jew persuni li jkollhom is-setgħa li jiffirmaw il-Protokoll f'isem l-Unjoni u l-Istati Membri tagħha.

### *Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

---

<sup>1</sup> It-test tal-Protokoll ser jiġi ppubblikat flimkien mad-Deċiżjoni dwar il-konklużjoni tiegħu.  
<sup>+</sup> Delegazzjonijiet: araw id-dokument ST 6756/19.